



Dokument ta' sessjoni

A9-0025/2021

8.3.2021

RAPPORT

dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/81/KE, rigward l-akkwist pubbliku fl-oqsma tad-difiża u tas-sigurtà, u tad-Direttiva 2009/43/KE, rigward it-trasferiment ta' prodotti relatati mad-difiża (2019/2204(INI))

Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

Rapporteur: Andreas Schwab

WERREJ

	Paġna
NOTA SPJEGATTIVA – SOMMARJU TAL-FATTI U S-SEJBIET	3
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	8
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJJIET BARRANIN	17
INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI	24
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	25

NOTA SPJEGATTIVA – SOMMARJU TAL-FATTI U S-SEJBIET

Proċedura u sorsi

Fis-6 ta' Novembru 2019, ir-Rapporteur ingħata l-kompitu li jipprepara rapport dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà (minn hawn 'il quddiem "id-Direttiva dwar l-Akkwist Pubbliku fil-Qasam tad-Difiża")¹ u d-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-issimplifikar tat-termini u l-kundizzjonijiet tat-trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża fil-Komunità (minn hawn 'il quddiem "id-Direttiva dwar it-Trasferimenti")².

L-għan ta' dan ir-rapport ta' implimentazzjoni huwa li jinforma lill-Parlament dwar l-istat ta' implimentazzjoni taż-żewġ Direttivi sabiex il-plenarja tkun tista' tislet konklużjonijiet u tagħmel rakkomandazzjonijiet biex jittieħdu azzjonijiet konkreti, f'termini kemm ta' titjib tal-implimentazzjoni kif ukoll ta' proposti eventwali ta' reviżjonijiet leġiżlattivi. Ir-rapport se jqis l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni taż-żewġ Direttivi fl-Istati Membri, l-effett tagħhom fuq il-ftuħ tas-suq intern għal prodotti tad-difiża u l-istabbiliment ta' Suq Ewropew tat-Tagħmir għad-Difiża (EDEM), u l-kontribut tagħhom għall-konsolidazzjoni tal-bażi industrijali u teknoloġika tad-difiża Ewropea (EDTIB), b'fokus fuq l-involviment tal-SMEs.

Sa mill-ħatra tiegħu, ir-Rapporteur għabar informazzjoni u bbaża ruħu fuq għadd ta' sorsi fil-ħidma preparatorja fuq dan ir-rapport, inkluż dan li ġejj:

- skambju ta' fehmiet online ma' żewġ esperti u x-shadow rapporteurs, li sar b'mod virtwali fit-23 ta' Ġunju 2020;
- studju dwar l-implimentazzjoni tal-"EU Defence Package: Defence Procurement and Intra Community Transfers Directives" (Il-Pakkett tad-Difiża tal-UE: Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku fil-Qasam tad-Difiża u t-Trasferimenti intra-Komunitarji) mis-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew (DG EPRS), iffinalizzat f'Settembru 2020;
- laqgħa fil-livell tekniku mad-DĠ DEFIS fil-15 ta' Lulju 2020.

B'riżultat tas-sejbiet miġbura permezz ta' dawn is-sorsi, ir-Rapporteur identifika t-tliet oqsma ta' fokus ewlenin li ġejjin għal dan ir-rapport: il-ħtieġa ta' implimentazzjoni u infurzar aħjar tal-Pakkett tad-Difiża, il-prospetti għall-istabbiliment ta' Suq Ewropew tat-Tagħmir għad-Difiża (EDEM), u l-aċċertazzjoni tal-livell attwali ta' parteċipazzjoni tal-SMEs fis-swieq tal-akkwist pubbliku fil-qasam tad-difiża.

Il-Pakkett tad-Difiża – introduzzjoni

L-oġġettivi taż-żewġ Direttivi – li jinkludu l-hekk imsejjaħ "Pakkett tad-Difiża" – kienu li jinfetħa is-suq intern għal prodotti tad-difiża, jiġi ffaċilitat l-akkwist pubbliku transfruntier, u tinbena bażi industrijali fl-UE kollha fis-setturi Ewropej tad-difiża u tas-sigurtà. F'ħafna Stati

¹ ĠU L 216, 20.8.2009, p. 76–136.

² ĠU L 146, 10.6.2009, p. 1–36.

Membri kien hemm dewmien fit-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni. Il-Kummissjoni lestiet l-ewwel rapport ta' evalwazzjoni tagħha fl-2016, fejn qieset il-prattiki ta' implimentazzjoni mill-2009 sal-2016. Filwaqt li l-Kummissjoni kellha diffikultajiet fil-ġbir ta' input suffiċjenti mill-Istati Membri, madankollu kkonkludiet li l-ebda reviżjoni tad-Direttivi ma kienet meħtieġa. F'dak iż-żmien, l-IMCO ddeċieda li ma jieħu l-ebda azzjoni f'termini ta' tweġiba għall-evalwazzjoni.

Ħtieġa ta' implimentazzjoni u infurzar aħjar

Ir-Rapporteur jemmen li l-implimentazzjoni aħjar taż-żewġ Direttivi għadha kruċjali sabiex jinkisbu bis-sħiħ l-oġettivi tal-Pakkett tad-Difiża. Il-problema kontinwa ta' użu mhux uniformi u livell baxx ta' applikazzjoni mill-Istati Membri taż-żewġ Direttivi hija evidenti u aggravata wkoll mill-impatt tal-COVID-19, il-Brexit, u t-tnaqqis fl-infiq relatat mad-difiża fil-futur, kif ukoll mir-restrizzjonijiet baġitarji fuq ir-Riċerka u l-Iżvilupp u fuq ir-Riċerka u t-Teknoloġija. F'dan il-kuntest, huwa importanti li jiġi ssottolinjat li l-Kummissjoni nediet għadd ta' proċedimenti ta' ksur. L-aktar riċenti, ħames każijiet ta' ksur ġew immedija fl-2018, li minnhom żewġ każijiet għadhom pendenti.

Id-Direttiva dwar l-Akkwist Pubbliku fil-Qasam tad-Difiża

Sabiex tittejjeb l-effettività tad-Direttiva dwar l-Akkwist Pubbliku fil-Qasam tad-Difiża u sussegwentement l-effiċjenza tagħha, bil-għan li jiżdiedu l-kompetizzjoni, it-trasparenza u n-nondiskriminazzjoni fl-Istati Membri kollha, id-Direttiva jeħtieġ li tiġi implimentata b'mod effikaċi. Madankollu, ir-Rapporteur iqis li l-impediment essenzjali għall-implimentazzjoni sħiħa u tajba ta' dik id-Direttiva, għadu jikkonsisti f'dan li ġej:

- l-użu sistematiku tad-dispożizzjoni ta' esklużjoni mill-Istati Membri skont id-Direttiva kif ukoll l-Artikolu 346 tat-TFUE, li jipprevedi biss invokazzjoni *ex post* fil-każ ta' litigazzjoni potenzjali, minkejja l-gwida³ interpretattiva maħruġa mill-Kummissjoni. Irid jiġi ssottolinjat li diversi Stati Membri introduċew fil-leġiżlazzjoni tagħhom proċedura speċifika li tapplika għall-kuntratti koperti bl-Artikolu 346(1)(b) tat-TFUE, li xorta waħda tagħmilha diffiċli biex jiġi vvalutat jekk l-eżenzjoni tal-Artikolu 346 intużatx għal raġunijiet ġustifikati ta' protezzjoni ta' interessi essenzjali tas-sigurtà nazzjonali, jew sempliċement bħala mod kif tiġi llimitata l-applikazzjoni tad-Direttiva 2009/81/KE. Dan iqajjem mistoqsijiet dwar jekk il-kwistjoni tal-esklużjonijiet għadx trid tiġi indirizzata kemm f'termini leġiżlattivi (sabiex jiġi llimitat l-użu) kif ukoll f'termini ta' azzjoni ta' kontroll u infurzar mill-Kummissjoni;
- il-livell insuffiċjenti ta' penetrazzjoni transfruntiera u ta' parteċipazzjoni tal-SMEs fil-kuntratti tad-difiża;
- il-livell baxx ta' kooperazzjoni, ippjanar komuni, fehim komuni tal-kapaċitajiet ta' difiża meħtieġa, u allinjament dwar is-sovranità teknoloġika u strateġika fl-Unjoni.

Fl-istess ħin, ir-Rapporteur jixtieq jissottolinja xi xejriet pożittivi rigward l-implimentazzjoni

³ Avviż tal-Kummissjoni dwar il-gwida għall-akkwist pubbliku kooperattiv fl-oqsma tad-difiża u tas-sigurtà (id-Direttiva dwar l-Akkwist Pubbliku fl-Oqsma tad-Difiża u tas-Sigurtà 2009/81/KE) (2019/C 157/01), u l-Avviż tal-Kummissjoni dwar gwida dwar l-għoti ta' kuntratti bejn il-gvernijiet fl-oqsma tad-difiża u tas-sigurtà (l-Artikolu 13(f) tad-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) (2016/C 450/01).

progressiva tad-Direttiva:

- l-għadd dejjem jiżdied ta' avviżi dwar kuntratt u avviżi ta' għoti ta' kuntratt mill-Istati Membri (data ta' Tenders Electronic Daily (TED)), li għadha pjuttost riċenti meta mqabbla mad-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku mhux fil-qasam tad-difiża. Madankollu, jidher li din ix-xejra dejjem tiżdied mhijiex evidenti f'dak li jirrigwarda l-avviżi ta' trasparenza ex ante volontarji;
- iż-żieda fir-rata ta' pubblikazzjoni (jiġifieri l-proporzjon ta' akkwist pubbliku li fir-rigward tiegħu tkun haġget sejħa għall-offerti kompetittiva permezz ta' TED) minn 8,5 % fil-perjodu bejn l-2011 u l-2015 għal 21,14 % tul is-snin bejn l-2016 u l-2018, biex sempliċement isir tqabbil mar-rata ta' akkwist pubbliku li fir-rigward tiegħu tkun haġget sejħa għall-offerti skont id-Direttiva ġenerali, ekwivalenti għal medja ta' 11,71 %.

Id-Direttiva dwar it-Trasferimenti

L-evalwazzjoni tal-2016 tal-Kummissjoni identifikat għadd ta' ostakli għall-applikazzjoni effettiva tad-Direttiva dwar it-Trasferimenti, li jirriżultaw mit-traspożizzjoni tagħha jew mid-dispożizzjonijiet tagħha. Fost il-kwistjonijiet ewlenin identifikati kien hemm il-ħtieġa li tiżdied l-adozzjoni tal-qafas leġislativ eżistenti dwar trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża, li tittejjeb id-disponibbiltà ta' Liċenzji Ġenerali ta' Trasferiment ("GTLs") fl-Unjoni kollha, u li tiġi eżaminata l-applikazzjoni limitata tal-iskema ta' ċertifikazzjoni.

Problemi kbar jidhru li joriġinaw min-nuqqas ta' armonizzazzjoni fl-implimentazzjoni tal-GTLs fl-Istati Membri kollha, l-adozzjoni bil-mod ta' opzjonijiet ta' liċenzjar u ċertifikazzjoni ġodda, u livell varjat tal-punt sa fejn l-eżenzjonijiet possibbli minn awtorizzazzjoni minn qabel ikunu ġew adottati fost l-Istati Membri. Filwaqt li xi Stati Membri jużaw il-possibbiltajiet kollha għal eżenzjonijiet offruti mid-Direttiva, xi wħud jużaw ftit opzjonijiet biss u xi wħud ma jużaw l-ebda opzjoni. Barra minn hekk, it-trasferimenti bejn l-Istati Membri għadhom kwistjoni kkomplicata li tkompli toħloq piż amministrattiv kbir. Dik il-konsiderazzjoni tirreferi b'mod speċjali għall-użu ta' Liċenzji Ġenerali ta' Trasferiment, fejn il-burokrazija u d-diverġenzi persistenti bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi jikkostitwixxu ostakli ewlenin. Ir-Rapporteur jemmen li dan jeħtieġ xi titjib fir-rigward ta' fehim komuni ta' liema elementi huma sensitivi u jeħtieġ li jiġu kkontrollati, u liema mhumiex.

L-Istabiliment ta' Suq Ewropew tat-Tagħmir għad-Difiża (EDEM)

Il-politika dwar l-akkwist pubbliku hija biss fattur wieħed minn diversi fatturi kontributorji għal ambizzjoni fit-tul tal-Unjoni li tiżviluppa l-EDEM u tiżgura l-effiċjenza u l-kompetittività tal-EDTIB. Kien hemm għadd kbir ta' kwistjonijiet relatati oħra li saru dejjem aktar rilevanti fis-snin reċenti, fosthom il-kunsens emerġenti tal-Istati Membri dwar il-ħtieġa ta' sovranità teknoloġika u strateġika, il-ħtieġa ta' nfiq akbar fuq id-difiża b'mod ġenerali u investimenti akbar fit-teknoloġija u l-kapaċitajiet ewlenin, kif ukoll xenarju ta' sigurtà f'evoluzzjoni. L-analiżi fil-fond tal-interazzjoni tal-Pakkett tad-Difiża ma' inizjattivi ta' politika tad-difiża oħra tal-UE (PESCO, l-EDF, CARD, l-EDAP) hija dimensjoni addizzjonali ta' konsiderazzjoni li tmur lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-rapport. Madankollu, meta tiġi kkunsidrata l-kumplessità tas-suq tad-difiża fl-UE, l-istabiliment ta' EDEM sħiħ għadu sfida reali li titlob politika industrijali u dwar l-akkwist pubbliku aktar koerenti. Għal

dan il-għan, kif enfasizzat f'ħafna studji, in-nuqqas kważi totali ta' kodiċijiet NACE jew NC iddedikati jfixkel kwalunkwe tentattiv biex titkejjel l-evoluzzjoni tal-istruttura tal-industrija tad-difiża Ewropea. Fin-nuqqas ta' tali data, huwa sempliċement impossibbli li tiġi vvalutata l-Ewropizzazzjoni reali tal-ktajjen tal-valur tad-difiża (b'mod speċjali peress li kienu qed jesperjenzaw ibridizzazzjoni relattiva ma' oħrajn mhux tad-difiża, bħall-elettronika) jew l-aċċess għas-suq transfruntier ta' SMEs u kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja fil-qasam tad-difiża.

Madankollu, ir-Rapporteur jemmen li l-objettivi tad-Direttivi dwar il-Pakkett tad-Difiża, jiġifieri t-trawwim tal-kompetizzjoni, it-trasparenza u n-nondiskriminazzjoni madwar l-Istati Membri kollha, jistgħu jikkontribwixxu b'mod qawwi għall-istabbiliment tal-EDEM u l-potenzjal tiegħu għad irid jiġi żviluppat b'mod sħiħ.

Il-parteeċipazzjoni tal-SMEs

Ingħata sommarju tal-kwistjonijiet prinċipali ffaċċjati mill-SMEs fis-suq Ewropew tal-akkwist pubbliku fil-qasam tad-difiża fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/624 dwar l-aċċess għas-suq transfruntier għas-subfornituri u l-SMEs fis-settur tad-difiża⁴, kif ukoll matul l-iskambju ta' fehmiet li sar mal-esperti fit-23 ta' Ġunju 2020 u permezz tal-istudju tal-EPRS. Flimkien mal-ostakli ġenerali għad-dħul fis-suq ta' distanza ġeografika, ostakli lingwistiċi u nuqqas ta' għarfien dwar is-suq transfruntier, l-SMEs fis-settur tad-difiża jiffaċċjaw ukoll diffikultajiet amministrattivi addizzjonali f'termini tal-kumplessità partikolari tad-dokumentazzjoni dwar l-akkwist pubbliku fil-qasam tad-difiża u l-iskala tal-offerti għall-akkwist pubbliku fil-qasam tad-difiża, it-tħassib dwar is-sigurtà tal-provvista, il-kumplessità tad-dispożizzjonijiet ta' subkuntrattar, u l-ispejjeż għolja ta' ċertifikazzjoni.

Huwa f'dan l-isfond kumpless li għadna nsibu implimentazzjoni varjata u mhux uniformi tad-Direttivi dwar il-Pakkett tad-Difiża madwar l-Unjoni kollha, kif deskritt hawn fuq. L-għan ta' żieda fil-parteeċipazzjoni tal-SMEs – flimkien mal-għanijiet usa' ta' ftuħ tas-suq intern, kisba ta' sigurtà akbar ta' provvista u titjib tal-kompetittività – inkiseb għalhekk parzjalment biss. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' statistika u data għall-kejl tal-aċċess transfruntier għas-suq tad-difiża mill-SMEs huwa problematiku wkoll.

Irid jiġi nnotat ukoll li d-dispożizzjonijiet ta' subkuntrattar skont id-Direttiva dwar l-Akkwist Pubbliku fil-Qasam tad-Difiża, lanqas ma' kienu ta' effett kbir fiż-żieda fil-parteeċipazzjoni tal-SMEs fis-suq tal-akkwist pubbliku fil-qasam tad-difiża f'termini tal-iffaċilitar indirett tal-aċċess għas-suq u l-ftuħ tal-ktajjen tal-provvista għal kompetizzjoni transfruntiera akbar. Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva jippermettu lill-Istati Membri jimponu obbligu fuq l-offerenti rebbieħa (normalment kuntratturi prinċipali) biex joħroġu sejħa għall-offerti pubblika għal partijiet mill-kuntratt lill-SMEs u s-subfornituri permezz ta' proċeduri kompetittivi. Madankollu, il-livell ta' użu tad-dispożizzjonijiet ta' subkuntrattar għadu baxx ħafna (mill-2011 ġew ippubblikati biss 26 avvżi dwar subkuntratt), u dan juri l-inadegwatezza ta' dawn id-dispożizzjonijiet kemm b'rabta mal-ħtiġijiet kif ukoll b'rabta mar-realtà industrijali tal-Istati Membri. Madankollu, id-Direttiva ma tintroduċi l-ebda inċentiv għall-ftuħ tal-ktajjen tal-valur. Għall-kuntrarju, il-Fond Ewropew għad-Difiża futur jidher li huwa għodda aħjar biex dawn il-ktajjen tal-valur jiġu strutturati fil-livell Ewropew.

⁴ Ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/624 tal-20 ta' April 2018 dwar l-aċċess għas-suq transfruntier għas-subfornituri u l-SMEs fis-settur tad-difiża.

Barra minn hekk, il-valutazzjoni tal-valur miżjud tal-mekkaniżmi ta' ċertifikazzjoni disponibbli skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva dwar it-Trasferimenti għadha 'l bogħod mill-aspettattivi. Skont ir-Reġistru ta' Intrapriżi Ċertifikati relatati mad-Difiża (CERTIDER), l-għadd ta' intrapriżi ċertifikati għadu pjuttost baxx, b'66 kumpanija ċertifikati madwar l-UE kollha, żieda ta' 27 biss apparagun ta' ħames snin ilu. Dan jista' jkun ikkawżat mill-fatt li l-SMEs normalment ma jkunux il-parteċipanti fis-suq li jibbenefikaw miċ-ċertifikazzjoni, billi l-proċess huwa mmirat primarjament lejn riċevituri ta' prodotti relatati mad-difiża, bħal integraturi tas-sistema jew Fabbrikanti tat-Tagħmir Oriġinali (OEMs). Barra minn hekk, il-kumplessità u l-ispiża tal-proċess ta' ċertifikazzjoni wkoll jiskoraġġixxu lill-SMEs.

Il-pożizzjoni tar-Rapporteur

Filwaqt li jqis l-isfidi kollha relatati mal-implimentazzjoni tad-Direttivi dwar il-Pakkett tad-Difiża, ir-Rapporteur jikkunsidra li ċerti elementi tad-Direttiva dwar l-Akkwist Pubbliku fil-Qasam tad-Difiża u d-Direttiva dwar it-Trasferimenti jistgħu jkomplu jittejbu, pereżempju, permezz ta' aktar konsistenza mad-Direttiva ġenerali dwar l-Akkwist Pubbliku. Madankollu, ir-Rapporteur jemmen li l-ebda revizzjoni ta' dawn id-Direttivi mhija meħtieġa minħabba li l-qafas regolatorju eżistenti għandu jkun suffiċjenti jekk jiġi implimentat korrettament u jintuża b'mod tajjeb.

Barra minn hekk, ir-Rapporteur jisħaq fuq in-neċessità ta' politika ta' infurzar b'saħħitha fejn il-Kummissjoni tagħxi fuq bażi proattiva u ma tibżax tnedi proċeduri ta' ksur meta jkun meħtieġ, pereżempju f'każijiet ta' użu sistematiku tal-esklużjonijiet. Ir-Rapporteur jikkunsidra li sabiex tinkiseb politika ta' infurzar b'saħħitha, huwa essenzjali li l-Kummissjoni jkollha aċċess għal data kwalitattiva.

Fir-rigward tal-implimentazzjoni ulterjuri tal-Pakkett tad-Difiża, ir-Rapporteur jilqa' l-ħidma tal-Kummissjoni u jemmen li l-kooperazzjoni futura bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri fir-rigward tal-implimentazzjoni tad-Direttivi hija meħtieġa biex jinkisbu l-oġġettivi tal-Pakkett tad-Difiża.

Ir-Rapporteur jinnota wkoll li l-livell ta' parteċipazzjoni tal-SMEs fis-suq tad-difiża għadu baxx. Għalhekk jemmen li għandha ssir analiżi bir-reqqa dwar ir-raġunijiet għaliex l-SMEs ma jirnexxilhomx jidħlu b'mod sħiħ fis-suq uniku għall-prodotti tad-difiża. Jilqa' l-ħidma diġà mwettqa mill-Kummissjoni u jenfasizza li għandha tkompli tiegħu miżuri xierqa sabiex tappoġġja lill-SMEs.

Ir-Rapporteur imbagħad jenfasizza li, sabiex jinkiseb EDEM miftuħ, l-Istati Membri se jkollhom jaħdmu fuq il-kooperazzjoni ta' bejniethom, il-fiduċja reċiproka, l-ippjanar komuni, eċċ..

Fl-aħħar nett, ir-Rapporteur jikkunsidra li kien hemm għadd ta' bidliet li affettwaw is-Suq Ewropew tat-Tagħmir għad-Difiża minn meta daħal fis-seħħ il-Pakkett tad-Difiża, pereżempju l-istabbiliment ta' PESCO. Għaldaqstant, huwa tal-fehma li għandu jkun hemm analiżi ta' segwitu tal-effiċjenza tal-Pakkett tad-Difiża fid-dawl ta' dawn il-bidliet sabiex jinkiseb EDEM miftuħ.

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/81/KE, rigward l-akkwist pubbliku fl-oqsma tad-difiża u tas-sigurtà, u tad-Direttiva 2009/43/KE, rigward it-trasferiment ta' prodotti relatati mad-difiża (2019/2204(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra d-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda d-Direttiva 2004/17/KE u d-Direttiva 2004/18/KE¹ ("id-Direttiva dwar l-Akkwist Pubbliku fil-Qasam tad-Difiża"),
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-issimplifikar tat-termini u l-kundizzjonijiet tat-trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża fil-Komunità² ("id-Direttiva dwar it-Trasferimenti"),
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2016 bit-titolu "rigward l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/81/KE dwar l-akkwist pubbliku fl-oqsma tad-difiża u tas-sigurtà, għall-konformità mal-Artikolu 73(2) ta' dik id-Direttiva" (COM(2016)0762),
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tat-30 ta' Novembru bit-titolu "Evalwazzjoni tad-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-issimplifikar tat-termini u l-kundizzjonijiet tat-trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża fil-Komunità" (COM(2016)0760),
- wara li kkunsidra l-avviż tal-Kummissjoni tat-30 ta' Novembru 2016 bit-titolu "Gwida dwar l-għoti ta' kuntratti bejn il-gvernijiet fl-oqsma tad-difiża u tas-sigurtà (l-Artikolu 13(f) tad-Direttiva 2009/81/KE)" (C(2016)7727),
- wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/624 tal-20 ta' April 2018 dwar l-aċċess għas-suq transfruntier għas-subfornituri u l-SMEs fis-settur tad-difiża³,
- wara li kkunsidra l-avviż tal-Kummissjoni dwar il-gwida għall-akkwist kooperattiv fl-oqsma tad-difiża u tas-sigurtà (id-Direttiva dwar l-Akkwist Pubbliku fl-Oqsma tad-Difiża u tas-Sigurtà 2009/81/KE (2019/C 157/01)⁴,
- wara li kkunsidra l-istudju tas-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew (EPRS) ta' Settembru 2020 bit-titolu "EU Defence Package: Defence Procurement and Intra Community Transfers Directives" (Il-Pakkett tad-Difiża tal-UE: Id-Direttivi dwar l-

¹ ĠU L 216, 20.8.2009, p. 76.

² ĠU L 146, 10.6.2009, p. 1.

³ ĠU L 102, 23.4.2018, p. 87.

⁴ ĠU C 157, 8.5.2019, p. 1.

Akkwist Pubbliku fil-Qasam tad-Difiża u t-Trasferimenti Intra-Komunitarji),

- wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, kif ukoll l-Artikolu 1(1)(e) u l-Anness 3 tad-Deċiżjoni tal-Konferenza tal-Presidenti tat-12 ta' Diċembru 2002 dwar il-proċedura ta' awtorizzazzjoni għat-tnejjija ta' rapporti fuq inizjattiva proprja,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A9-0025/2021),
- A. billi d-Direttiva dwar l-Akkwist Pubbliku fil-Qasam tad-Difiża tfitteż li tintroduċi regoli ġusti u trasparenti għall-akkwist pubbliku fil-qasam tad-difiża sabiex ikun żgurat li l-kumpaniji tad-difiża fl-Istati Membri jkunu jistgħu jaċċessaw swieq tad-difiża ta' Stati Membri oħra;
- B. billi d-Direttiva dwar it-Trasferimenti għandha l-għan li ttejjeb il-funzjonament tas-suq Ewropew tat-tagħmir għad-difiża (EDEM), tippromwovi l-integrazzjoni tal-katina tal-provvista tad-difiża tal-UE u żżid is-sigurtà tal-provvista, billi tissimplifika r-regoli u l-proċeduri għal trasferimenti intra-UE ta' prodotti relatati mad-difiża;
- C. billi ż-żewġ direttivi għandhom l-għan li jagħtu spinta lis-suq intern għal prodotti relatati mad-difiża u li jsaħħu l-kompetittività tal-EDEM;
- D. billi d-Direttivi dwar il-Pakkett tad-Difiża huma meħtieġa għall-iżvilupp ulterjuri ta' kultura ta' sigurtà u difiża Ewropea komuni, ibbażata fuq il-valuri u l-oġettivi kondiviżi tal-Unjoni, fir-rispett tal-karattru speċifiku tal-politiki tas-sigurtà u tad-difiża tal-Istati Membri;
- E. billi l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni tal-2016 ikkonkludiet li l-oġettivi tad-Direttiva dwar l-Akkwist Pubbliku fil-Qasam tad-Difiża kienu nkisbu biss parzjalment, minħabba li ppermettiet żieda inizjali fil-kompetizzjoni, it-trasparenza u n-nondiskriminazzjoni fis-suq tal-akkwist pubbliku fil-qasam tad-difiża tal-UE, iżda li kien meħtieġ ħafna aktar progress fl-użu konsistenti mill-Istati Membri tad-Direttiva biex jinkisbu bis-sħiħ daww l-oġettivi;
- F. billi l-istudju tal-EPRS indika l-effett insuffiċjenti tad-Direttiva dwar l-Akkwist Pubbliku fil-Qasam tad-Difiża fuq l-Ewropizzazzjoni tal-ktajjen tal-valur tad-difiża;
- G. billi l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni tal-2016 uriet li d-differenzi fil-mod kif ġiet trasposta d-Direttiva dwar it-Trasferimenti ħolqu ostakli kbar għall-applikazzjoni effettiva tagħha, u dan irriżulta f'applikazzjoni bil-mod jew b'mod mhux komplut fl-Istati Membri individwali, nuqqas ġenerali ta' armonizzazzjoni fir-rekwiżiti u l-proċeduri bejn l-Istati Membri, u kundizzjonijiet u limitazzjonijiet diverġenti ħafna fil-Liċenzji Ġenerali ta' Trasferiment (GTLs) ippubblikati mill-Istati Membri;
- H. billi, flimkien mal-ostakli ġenerali għad-dħul fis-suq ta' distanza ġeografika, ostakli lingwistiċi, u nuqqas ta' għarfien dwar is-suq transfrontier, l-intrapriżi żgħar u medji (SMEs) fis-settur tad-difiża jiffaċċjaw ukoll diffikultajiet amministrattivi addizzjonali bħal tħassib rigward is-sigurtà tal-provvista, il-kumplessità tad-dispożizzjonijiet dwar

is-subkuntrattar, u l-ispejjeż għoljin ta' ċertifikazzjoni;

- I. billi l-SMEs jiffaċċjaw sfidi kbar meta jipparteċipaw fi proċeduri ta' akkwist pubbliku;
- J. billi raġuni ewlenija għan-nuqqas ta' parteċipazzjoni tal-SMEs hija n-nuqqas ta' aċċess transfruntier għall-ktajjen tal-provvista; billi l-ktajjen tal-provvista tad-difiża għandhom fokus nazzjonali sostanzjali, u dan iżid l-isfidi għall-SMEs li jkunu jixtiequ jidħlu fil-ktajjen tal-provvista tad-difiża f'pajjiżi Ewropej oħra; billi, barra minn hekk, il-fabbrikanti tat-tagħmir oriġinali għandhom jillimitaw ruħhom għas-subkuntrattar tal-SMEs li diġà għandhom relazzjoni ta' ħidma eżistenti magħhom, minħabba restrizzjonijiet finanzjarji;
- K. billi jeħtieġ li jiġi żviluppat kunċett komprensiv u olistiku għal suq Ewropew tat-tagħmir għad-difiża li jgħaqqad formalment il-frammenti eżistenti kollha bħall-Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża (EDIDP), l-Azzjoni Preparatorja fuq ir-Riċerka dwar id-Difiża (PADR), il-Fond Ewropew għad-Difiża (EDF), il-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (PESCO), il-Pożizzjoni Komuni dwar l-Esportazzjoni tal-Armi, ir-Regolament dwar l-Oġġetti b'Użu Doppju, iż-żewġ direttivi tal-Pakkett tad-Difiża tal-2009 u inizjattivi futuri bħar-regoli komuni dwar is-sigurtà tal-provvista;
- L. billi mingħajr koerenza tal-politiki u sforz biex jinbnew konnessjonijiet bejn il-frammenti ta' politika differenti hemm riskju li azzjoni fil-livell tal-UE tkompli żżid mad-distorsjonijiet tas-suq eżistenti u proċessi u politiki oħra ineffiċjenti ħafna fis-settur tad-difiża;

It-titjib tal-funzjonament tas-suq intern għal prodotti tad-difiża permezz ta' implimentazzjoni u infurzar aħjar tal-Pakkett tad-Difiża

- 1. Itenni l-appoġġ tiegħu għall-ambizzjonijiet tad-Direttivi dwar il-Pakkett tad-Difiża, li ġew stabbiliti għall-promozzjoni ulterjuri tal-katina tal-provvista tad-difiża tal-UE u ż-żieda tat-trasparenza u l-fiduċja reċiproka fost l-Istati Membri, it-trattament ugwali u l-kompetittività ġenerali tal-industrija tad-difiża tal-Ewropa;
- 2. Jenfasizza li l-implimentazzjoni effettiva tad-direttivi hija pass lejn l-ambizzjoni tal-UE ta' awtonomija strateġika u Unjoni Ewropea tad-Difiża; jissottolinja li d-direttivi jistgħu jagħmlu l-politika tal-UE dwar id-difiża aktar koerenti u jrawmu l-iżvilupp tal-industrija Ewropea tad-difiża, dment li l-Istati Membri jkollhom viżjoni komuni u prospettiva strateġika kondiviża dwar l-inizjattivi Ewropej fil-qasam tad-difiża;
- 3. Jiddispjaċih dwar il-frammentazzjoni kontinwa tas-suq intern tal-UE għal prodotti tad-difiża, peress li dan għadu qed iwassal għal duplikazzjonijiet bla bżonn u l-multiplikazzjoni tal-ineffiċjenzi fl-infiq fil-qasam tad-difiża mill-Istati Membri;
- 4. Jilqa' xi wħud mix-xejriet pożittivi osservati fl-implimentazzjoni progressiva tad-Direttiva dwar l-Akkwist Pubbliku fil-Qasam tad-Difiża, b'mod partikolari l-għadd dejjem jiżdied ta' avviżi dwar kuntratt u avviżi ta' għoti ta' kuntratt maħruġa mill-Istati Membri, u l-proporzjon dejjem jiżdied ta' akkwist pubbliku li fir-rigward tiegħu tkun saret sejħa għall-offerti kompetittiva permezz ta' Tenders Electronic Daily (TED); jisħaq, madankollu, li volum għoli ħafna tan-nefqa fuq l-akkwist pubbliku għadu

jiggarab barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva u li persentaġġ għoli ħafna ta' kuntratti għadhom jingħataw fuq livell nazzjonali; jenfasizza wkoll li l-proċeduri mhumiex aċċessibbli faċilment għall-SMEs;

5. Jissottolinja li l-użu eċċessiv mill-Istati Membri tad-dispożizzjonijiet relatati mal-esklużjoni, b'mod partikolari dawk stabbiliti fl-Artikolu 346 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), jista' jdgħajjef l-implimentazzjoni sħiħa u tajba tad-Direttiva;
6. Ifakkar fil-gwida interpretattiva tal-Kummissjoni dwar il-kundizzjonijiet li skonthom l-Artikolu 346 tat-TFUE jista' jiġi invokat fl-ambitu tal-akkwist pubbliku fil-qasam tad-difiża, li għandu l-għan li jipprevjeni r-rikors potenzjalment abbużiv, l-użu ħażin u l-interpretazzjoni ħażina ta' din id-dispożizzjoni mill-Istati Membri; jistieden lill-Istati Membri jseguw strettament il-gwida interpretattiva tal-Kummissjoni u jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li tiġi implimentata u infurzata b'mod konsistenti;
7. Jitlob l-użu korrett tal-eżenzjonijiet u r-rekwiżiti ta' kumpens fl-akkwisti tad-difiża, li jillimitaw il-kompetizzjoni ġusta fis-suq Ewropew tat-tagħmir għad-difiża, u b'mod aktar partikolari l-monitoraġġ u l-infurzar aħjar tal-użu korrett tal-eżenzjoni għall-bejgħ bejn il-gvernijiet f'konformità mal-avviż ta' gwida tal-Kummissjoni tal-2016 dwar il-bejgħ bejn il-gvernijiet u l-applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-Akkwist Pubbliku; jitlob lill-Istati Membri, f'dan ir-rigward, rappurtar aktar sistematiku u komprensiv ta' data konsistenti, preċiża u kumparabbli rigward l-użu li jagħmlu mill-eżenzjonijiet sabiex jitjiebu l-iskrutinju u l-implimentazzjoni tal-linji gwida rilevanti tal-Kummissjoni; jemmen li l-Kummissjoni għandha tassumi r-responsabbiltà tagħha għall-monitoraġġ tan-neċessità u l-proporzjonalità tal-esklużjonijiet invokati mill-Istati Membri fl-għoti tagħhom ta' kuntratti barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-Akkwist Pubbliku fil-Qasam tad-Difiża, u m'għandhiex tiddependi prinċipalment mill-ilmenti rċevuti, imressqa mill-industrija; iħeġġeġ għalhekk lill-Kummissjoni, iżżid l-isforzi tagħha u tiegħu miżuri kuraġġużi u proattivi biex tipprevjeni l-użu ħażin tal-eċċezjonijiet u tadotta politika ta' infurzar aktar assertiva, b'mod partikolari billi tiżgura l-effettività tal-proċeduri ta' ksur;
8. Iqis li għad hemm hteġa qawwija li jkun hemm fokus fuq l-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi tad-Direttiva dwar l-Akkwist Pubbliku fil-Qasam tad-Difiża, iqis li, sabiex dan iseħħ, l-Istati Membri għandhom jiffukaw fuq l-iżgurar ta' trattament ugwali, it-trasparenza u l-kompetizzjoni kif ukoll fuq l-aċċess għall-akkwist pubbliku f'dan il-qasam, u li l-Kummissjoni għandha tiffoka fuq l-implimentazzjoni ta' standards ta' rapportar komuni u li ttiprovdi lill-Istati Membri linji gwida u informazzjoni ulterjuri dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva;
9. Jitlob lill-Istati Membri jimplimentaw b'mod xieraq id-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku fil-Qasam tad-Difiża u jitlob lil dawk b'industrija tad-difiża stabbilita kbira jmexxu bl-eżempju;
10. Iqis li, sabiex jiġi pprovdut akkwist pubbliku mmexxi mill-kwalità u aġli, xi aspetti tal-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Akkwist Pubbliku fil-Qasam tad-Difiża jistgħu jittejbu, bħall-użu mill-Istati Membri tal-proċedura miftuħa, is-sħubijiet għall-innovazzjoni jew proċeduri ġodda oħra kif previst fid-Direttiva 2014/24/KE⁵, u jħeġġeġ

⁵ ĠU L 094, 28.3.2014, p. 65.

lill-Istati Membri japplikaw b'mod konsistenti dik id-direttiva kull meta jkun possibbli; jemma, madankollu, li l-ebda reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Akkwist Pubbliku fil-Qasam tad-Difiża mhi meħtieġa f'dan l-istadju, peress li l-qafas regolatorju eżistenti huwa suffiċjenti jekk jiġi implimentat b'mod korrett u jintuża u jiġi infurzat b'mod xieraq;

11. Jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni timmonitorja l-implimentazzjoni tad-direttivi, ittejjeb it-trasparenza tagħhom u tipprovdi gwida lill-Istati Membri sabiex jiġi żgurat l-infurzar konsistenti u sħiħ tagħhom u għalhekk jintlaħqu bis-sħiħ l-objettivi tagħhom, peress li n-nuqqas ta' reciprocita jista' jkun dizincientiv għall-Istati Membri bi grad ogħla ta' implimentazzjoni;
12. Josserva li, fir-rigward tad-Direttiva dwar it-Trasferimenti, l-adozzjoni ta' għodod ġodda, inklużi l-GTLs, hija pjuttost baxxa meta mqabbla mal-Liċenzji Individwali ta' Trasferiment (ITLs), li kienu maħsuba li jiġu sostitwiti mill-għodod il-ġodda;
13. Josserva wkoll li kien hemm adoxxjoni aktar bil-mod u anqas milli mistenni ta' ċertifikazzjoni, u li għad hemm ostakli għall-applikazzjoni effettiva tad-Direttiva, b'livelli baxxi ta' sensibilizzazzjoni, b'mod partikolari fost l-SMEs, dwar l-għodod disponibbli fl-ambitu tad-Direttiva u l-opportunitajiet li jeżistu fis-suq intern, u dwar is-sistema użata mill-Istati Membri fil-kontrolli tal-esportazzjoni tagħhom, flimkien man-nuqqas ta' armonizzazzjoni fl-implimentazzjoni tal-GTLs, li jaġixxu ta' ostakli kbar għall-applikazzjoni effettiva tad-Direttiva;
14. Iqis, għalhekk, li d-Direttiva dwar it-Trasferimenti kisbet l-objettivi ewlenin tagħha parzjalment biss, b'mod partikolari dak ta' ċirkolazzjoni bla xkiel ta' prodotti relatati mad-difiża fis-suq intern u tal-eżistenza ta' suq intern effiċjenti, sigurtà tal-provvista akbar u kompetittivita mtejba;
15. Jissottolinja l-importanza ta' suq intern ġenwin għal trasferimenti intra-UE ta' prodotti relatati mad-difiża, fejn l-awtoritajiet nazzjonali jkunu konxji dwar liema u lil min jiġu ttrasferiti l-prodotti u fejn l-awtorizzazzjonijiet tal-esportazzjoni u restrizzjonijiet oħra għall-esportazzjonijiet jitnaqqsu għal livell minimu meħtieġ;
16. Jinnota, f'dan il-kuntest, il-progress miksub mill-Kummissjoni bir-rakkomandazzjonijiet tagħha dwar il-kamp ta' aplikazzjoni u l-kundizzjonijiet tal-GTLs;
17. Jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb l-implimentazzjoni tad-Direttiva fl-Istati Membri individwali billi tinsisti li l-awtoritajiet nazzjonali jsolvu l-kwistjonijiet pendenti;
18. Jappella biex jiġu zviluppatti aktar il-kuntatti u l-iskambji bejn l-awtoritajiet nazzjonali ta' kontroll tat-trasferimenti madwar l-UE biex jiġu indirizzati d-diverġenzi eżistenti fil-prattiki ta' kontroll tat-trasferimenti u n-nuqqas ta' fiduċja bejn l-Istati Membri, kif ukoll biex tiġi vvalutata l-ħatra tal-punti ta' kuntatt nazzjonali uniçi għal kwistjonijiet relatati mat-trasferimenti intra-UE;
19. Jistieden lill-Istati Membri jqisu kif mistħoqq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-kamp ta' aplikazzjoni u l-kundizzjonijiet tal-GTLs u jevitaw li jżidu l-kundizzjonijiet għat-trasferimenti fl-ambitu tal-GTLs, peress li dan jikkontradixxi jew jimmina l-kundizzjonijiet elenkati fir-rakkomandazzjonijiet; jissottolinja l-ħtieġa li jiġu pprovdu traduzzjonijiet tar-regolamenti nazzjonali dwar il-liċenzji ta' trasferiment;

jistieden lill-Kummissjoni tassisti u tappoġġja bis-sħiħ lill-Istati Membri fl-iżvilupp ta' liċenzji ta' trasferiment armonizzati globali u individwali għall-proġetti tal-EDIDP u tal-EDF;

20. Jilqa' d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva li għandhom l-għan li jrawmu l-akkwist pubbliku kooperattiv fil-qasam tad-difiża u jstieden lill-Istati Membri jagħmlu użu mill-possibbiltajiet kollha ta' kooperazzjoni offruti bid-Direttiva fi spirtu ġenwin ta' solidarjetà, b'mod partikolari fl-ambitu tal-EDIDP u l-EDF futur;
21. Jistieden lill-Kummissjoni tqis bħala prijorità s-segwitu għar-rakkomandazzjonijiet dwar il-kamp ta' applikazzjoni u l-kundizzjonijiet tal-GTLs, inkluż billi tikkunsidra l-possibbiltà li tikkonverti r-rakkomandazzjonijiet f'dispożizzjonijiet vinkolanti, bil-għan ta' armonizzazzjoni progressiva bħala objettiv globali għas-snin li ġejjin;
22. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu l-isforzi fis-sensibilizzazzjoni dwar l-għodod u l-benefiċċji tad-Direttiva, b'mod partikolari fost l-SMEs;
23. Jieħu nota tal-Boxxla Strateġika maħsuba biex titwettaq analiżi ta' theddid komuni; jemmen li l-Pakkett tad-Difiża għandu jkun wieħed mill-elementi kostitwenti ta' tagħha li jikkontribwixxi għall-politiki ta' kontroll tal-esportazzjoni;
24. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jtejbu l-kwalità, it-trasparenza, il-konsistenza u d-disponibbiltà tad-data u jikkunsidraw il-ħolqien ta' kodiċijiet ta' klassifikazzjoni tal-istatistika ddedikati sabiex jiġi ffaċilitat il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' dawn iż-żewġ direttivi u jiġi pprovdut skrutinju sinifikanti;
25. Jenfasizza d-differenzi fir-rati ta' pubblikazzjoni ta' avviżi ta' kuntratti bejn l-Istati Membri fuq it-TED; jenfasizza l-importanza li jiġu żgurati l-aċċessibbiltà u l-faċilità tal-użu tal-bażi tad-data online tar-Reġistru tal-Intrapriżi Ċertifikati relatati mad-Difiża (CERTIDER); jenfasizza l-ħtieġa li d-data dwar it-trasferimenti intra-UE tkun disponibbli b'mod sistematiku, inkluż permezz ta' data kwantitattiva u tqassim skont il-kategoriji ta' liċenzja, sabiex jitqiesu aħjar l-attivitajiet ta' difiża u armament; jinnota li tali disparitajiet jikkontribwixxu għan-nuqqas ta' data affidabbli u jistgħu jikkawżaw tfixkil fis-suq intern, u li n-nuqqas ta' reċiproċità jista' jkun ta' diżinċentiv għal dawk l-Istati Membri bi grad oġhla ta' implimentazzjoni;
26. Jistieden lill-Kummissjoni tistudja l-fattibbiltà li tistabbilixxi formoli amministrattivi standardizzati komuni bil-għan li jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq in-negozji, b'mod partikolari fir-rigward tal-SMEs, u jinbena approċċ Ewropew għat-trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża;
27. Jistieden lill-Kummissjoni tkun soda fl-infurzar tad-Direttivi, inkluż billi tagħmel aktar użu mid-dritt ta' tagħha kif stabbilit fl-Artikolu 258 tat-TFUE li tibda proċeduri ta' ksur; jitlob lill-Kummissjoni tniedi proċeduri ta' ksur minflok ma tagħxi biss fuq l-ilmenti mressqa mill-industrija;

Il-ġlieda kontra l-frammentazzjoni tas-suq u ż-żieda fil-parteċipazzjoni tal-SMEs

28. Jinnota li l-SMEs jidher li għandhom inqas suċċess fir-rebħ ta' kuntratti fl-ambitu tad-Direttiva dwar l-Akkwist Pubbliku fil-Qasam tad-Difiża milli fl-akkwist pubbliku

ġenerali tal-UE; jinnota, barra minn hekk, li jidher ċar li d-dispożizzjonijiet ta' subkuntrattar tad-Direttiva ma ntużawx fuq bażi regolari u strutturata mill-awtoritajiet tal-Istati Membri; huwa tal-fehma li xi Stati Membri jesperjenzaw dawn id-dispożizzjonijiet bħala kumplessi u diffiċli biex jintużaw, u dan jispjega parzjalment l-impatt limitat tad-Direttiva, u li għalhekk hemm bżonn li l-SMEs jiġu mħeġġa jipparteċipaw f'dan il-proċess u li l-proċeduri jiġu ssimplifikati;

29. Jenfasizza li l-proċessi ta' ċertifikazzjoni huma meqjusa għaljin, twal u ta' piż, u għalhekk la huma aċċessibbli u lanqas attraenti għall-SMEs;
30. Jitlob lill-Istati Membri jsegu b'mod sistematiku r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-aċċess għas-suq transfruntier għas-subfornituri u l-SMEs fis-settur tad-difiża, bħar-rekwiżiti għall-kwalità tal-informazzjoni, it-tqassim tal-kuntratti flottijiet jew it-naqqis tal-piż amministrattiv li jirriżulta mill-proċedura tal-akkwist;
31. Iqis, għalhekk, li l-għan taż-żieda fil-parteeċipazzjoni tal-SMEs inkiseb biss parzjalment;
32. Huwa tal-fehma li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva rigward il-kompetizzjoni bejn is-subkuntratturi ma kellhom l-ebda impatt, jew kellhom impatt limitat ħafna, fuq l-aċċess transfruntier tas-subfornituri u l-SMEs fil-qasam tad-difiża; jistieden lill-Istati Membri jaċċertaw li l-proċeduri interni tagħhom jippermettu l-parteeċipazzjoni transfruntiera tal-SMEs, u jissimplifikaw l-aċċess u l-parteeċipazzjoni tagħhom fil-proċeduri tal-offerti fl-oqsma tad-difiża u tas-sigurtà;
33. Josserva li għadd ta' SMEs attivi fis-swieq tad-difiża huma involuti fl-użu doppju, filwaqt li ħafna għadhom speċjalizzati speċifikament f'attivitajiet relatati mad-difiża u għalhekk huma partikolarment dipendenti fuq intrapriżi militari u relatati mad-difiża;
34. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli l-ħidma tagħha u teżamina bir-reqqa l-kawżi tan-nuqqas ta' parteċipazzjoni tal-SMEs;
35. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra l-ħolqien ta' mappa aġġornata tad-data dwar l-SMEs rilevanti, li, filwaqt li tiggarantixxi l-protezzjoni tad-data sensitiva u tal-proprjetà intellettwali, tiddekrivi l-kapaċitajiet industrijali u teknoloġiċi tagħhom, u li tkun tista' tiġi aċċessata pubblikament minn kuntratturi ewlenin minn Stati Membri oħra sabiex jidentifikaw l-SMEs bil-kapaċitajiet rilevanti meħtieġa għal proġetti speċifiċi, u tipproponi għodod effettivi oħra li jistgħu jżidu l-parteeċipazzjoni tal-SMEs fil-proċess tal-akkwist pubbliku;
36. Jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb l-aċċess għall-finanzi għall-SMEs;
37. Iqis li azzjoni min-naħa tal-Istati Membri tista' ttejjeb b'mod sinifikanti l-aċċess transfruntier għas-suq għall-SMEs u s-subfornituri fis-setturi tad-difiża, u jistieden, għalhekk, lill-Istati Membri jimplementaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni b'mod kemm jista' jkun komprensiv;
38. Jistieden lill-Istati Membri jagħmlu użu aktar sistematiku mill-għodod eżistenti fil-livell tal-UE, bħan-Network Enterprise Europe, biex jappoġġjaw l-attivitajiet transfruntiera tal-SMEs;

Il-kisba ta' suq Ewropew tat-tagħmir għad-difiża miftuħ

39. Iqis li l-implimentazzjoni aħjar tad-Direttivi hija ta' importanza kritika sabiex jinkiseb l-objettiv globali li jitjieb il-funzjonament tas-suq intern għal prodotti tad-difiża u li jingħata kontribut għall-istabbiliment ta' EDEM miftuħ;
40. Jistieden lill-Kummissjoni taħdem favur iż-żieda fl-adozzjoni tal-qafas leġiżlattiv dwar it-trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża, billi ttejjeb id-disponibbiltà tal-GTLs fl-UE kollha u tindirizza l-applikazzjoni limitata tal-iskema ta' ċertifikazzjoni, peress li dan jista' jagħti spinta lill-iżvilupp tal-EDEM u b'hekk jitjieb il-funzjonament tas-suq intern għal prodotti tad-difiża;
41. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq azzjonijiet speċifiċi li jkollhom l-għan li jibnu aktar fiduċja fost l-Istati Membri fil-qasam tad-difiża u tas-sigurtà sabiex tingħata spinta lill-kooperazzjoni ta' bejniethom u jinħoloq suq uniku ġenwin għall-prodotti tad-difiża;
42. Jemmen li l-implimentazzjoni effettiva tad-Direttivi tkompli ttejjeb l-effettività tal-inizjattivi tad-difiża mnedija matul dawn l-aħħar snin, b'mod partikolari l-PESCO, ir-Rieżami Annwali Koordinat tad-Difiża (CARD), l-EDF u l-Pjan ta' Żvilupp tal-Kapaċitajiet (CDP) rivedut, li flimkien jistgħu jagħtu spinta lill-ippjanar, l-iżvilupp, l-akkwist u l-operat kollaborattivi tal-kapaċità ta' difiża; jistieden lill-Istati Membri jagħtu spinta lill-EDEM permezz ta' kooperazzjoni fuq proġetti fl-ambitu tal-PESCO u l-EDF; jinnota, f'dan ir-rigward, li t-tagħlimiet meħuda u l-aħjar Prattiki li rriżultaw sa issa mill-implimentazzjoni tal-Pakkett tad-Difiża għandhom jiġu kondiviżi fost l-Istati Membri sabiex jiġi rrimedjat il-livell mhux uniformi tal-implimentazzjoni tagħhom;
43. Jissottolinja li huma meħtieġa interpretazzjoni aktar koerenti u implimentazzjoni aktar konsistenti tal-Pożizzjoni Komuni tal-UE dwar l-Esportazzjonijiet tal-Armi, filwaqt li jitqiesu t-tmien kriterji tal-UE dwar l-esportazzjoni tal-armi, sabiex tiġi limitata l-frammentazzjoni tas-suq intern tad-difiża tal-UE u tissaħħaħ il-konsistenza tal-politika barranija tagħha; jitlob azzjoni biex tiġi indirizzata kwalunkwe lakuna li tista' teżisti bejn id-Direttiva dwar l-Trasferimenti, il-Pożizzjoni Komuni u r-Regolament dwar l-Oġġetti b'Użu Doppju;
44. Jistieden lill-Istati Membri juru rieda politika favur iż-żieda tal-kooperazzjoni fir-R&Ż u l-akkwist fil-qasam tad-difiża intra-UE u jużaw ir-R&Ż u l-akkwiżizzjonijiet komuni fil-qasam tad-difiża sabiex jagħtu spinta lill-interoperabbiltà bejn il-forzi militari tagħhom;
45. Jitlob sforzi mġedda biex jiġu indirizzati d-diskrepanzi u n-nuqqasijiet persistenti b'rabta mat-teknoloġija u l-innovazzjoni fl-EDTIB sabiex titnaqqas id-dipendenza dejjem tikber tal-Ewropa fuq l-importazzjonijiet fil-qasam tad-difiża; jenfasizza li sabiex jinbnew suq Ewropew tat-tagħmir għad-difiża affidabbli u komprensiv u settur tad-difiża effiċjenti, jeħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta strateġija komprensiva għar-reġim tas-sigurtà tal-provvista fl-UE kollha;
46. Jenfasizza li l-kooperazzjoni fil-qasam tad-difiża bejn l-UE u r-Renju Unit mhijiex koperta mill-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni u jirrakkomanda li titwettaq analiżi xierqa dwar l-impatt li l-Brexit se jkollu fuq is-suq tal-UE tat-tagħmir għad-difiża;
47. Iqis li, mill-adozzjoni taż-żewġ Direttivi, l-EDEM esperjenza ħafna tibdil; jistieden lill-

Kummissjoni tanalizza l-effiċjenza tal-għodod disponibbli fid-dawl ta' dak it-tibdil;

o

o o

48. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

11.12.2020

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJET BARRANIN

għall-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/81/KE, rigward l-akkwist pubbliku fl-oqsma tad-difiża u tas-sigurtà, u tad-Direttiva 2009/43/KE, rigward it-trasferiment ta' prodotti relatati mad-difiża (2019/2204(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Sven Mikser

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jistieden lill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Itenni l-appoġġ tiegħu għall-ambizzjonijiet tad-direttivi fil-Pakkett tad-Difiża, li ġew stabbiliti fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja u ekonomika tal-2008, jiġifieri l-promozzjoni ulterjuri tal-katina tal-provvista tad-difiża tal-UE u ż-żieda tal-fiduċja reċiproka fost l-Istati Membri u t-trasparenza, it-trattament ugwali u l-kompetittività ġenerali tal-industrija tad-difiża tal-Ewropa; iqis li dan jindirizza n-nuqqasijiet attwali fil-kapaċità operazzjonali tad-difiża u jiżgura li l-UE tkun tista' sserraħ fuq kapaċitajiet suffiċjenti u strateġiċi, iżżid l-interoperabbiltà, tirrazzjonalizza l-infiq fuq id-difiża u tagħmel użu aħjar mill-flus tal-kontribwenti billi tnaqqas id-duplikazzjoni, il-frammentazzjoni u l-kapaċitajiet żejda industrijali u tagħti spinta lill-kompetittività ta' Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB) b'saħħitha, innovattiva u reżiljenti u suq Ewropew tat-tagħmir għad-difiża (EDEM) li jiffunzjona tajjeb, affidabbli, miftuħ, kompetittiv, modern, robust u effiċjenti; jesprimi t-twemmin sod tiegħu li l-Istati Membri jridu jtejbju l-ħiliet u l-kapaċitajiet tad-difiża tagħhom u jqis l-implimentazzjoni effettiva tad-direttivi bħala pass lejn l-ambizzjoni tal-UE ta' awtonomija strateġika u Unjoni Ewropea tad-Difiża, filwaqt li jiġu rispettati bis-sħiħ l-alleanzi u s-sħab tagħha, u li sservi biex jissaħħu l-azzjoni multilaterali tagħha u bħala element neċessarju tal-iżvilupp tal-industrija tad-difiża Ewropea u tas-sigurtà u l-kapaċità tagħha li tiddefendi lilha nnifisha kontra theddid attwali u futur; jissottolinja li d-direttivi jistgħu jagħmlu l-politika Ewropea tad-difiża aktar koerenti, dment li l-Istati Membri jkollhom viżjoni komuni u prospetti strateġiċi kondiviżi dwar l-inizjattivi Ewropej tad-difiża;
2. Jenfasizza l-progress enfasizzat fir-rapporti ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni mill-2016 u l-istudju tas-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew (EPRS) tad-19 ta' Ottubru 2020, li juru li ż-żewġ direttivi għenu biex jinfetaħ is-suq intern għad-

difiża u jsir progress lejn it-tlestija ta' suq intern għall-prodotti u s-servizzi tad-difiża, iżda li huwa meħtieġ ħafna aktar progress; jitlob evalwazzjonijiet aktar aġġornati peress li n-nuqqas ta' data affidabbli, preċiża u kompleta dwar l-użu taż-żewġ direttivi ma jħallix lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u lill-partijiet ikkonċernati rilevanti jivvalutaw bis-sħiħ l-implimentazzjoni tagħhom u jinvolvu ruħhom fi proċess sinifikanti li jġġenera EDEM effettiv, robust u modern, u jfixkel it-trasparenza u l-iskrutinju; ihegġegħ lill-Istati Membri jġġeneraw mingħajr dewmien data ta' kwalità għolja dwar l-implimentazzjoni taż-żewġ direttivi u jikkunsidraw il-ħolqien ta' kodiċijiet iddedikati tal-klassifikazzjoni statistika sabiex titkejjel l-evoluzzjoni tal-istruttura tal-industrija tad-difiża Ewropea u tiġi vvalutata l-Ewropizzazzjoni tal-ktajjen tal-valur tad-difiża; jistieden lill-Istati Membri jimplementaw u japplikaw bis-sħiħ iż-żewġ direttivi u jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-linji gwida interpretattivi tagħha jiġu implimentati u infurzati b'mod konsistenti u sħiħ sabiex tiġi evitata l-applikazzjoni mhux uniformi tagħhom fl-Istati Membri kollha, inkluż billi jsir użu minn proċeduri ta' ksur; jesprimi t-tama li l-ħolqien ta' Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għall-Industrija tad-Difiża u l-Ispazju (DG DEFIS), li l-mandat tiegħu jġbor flimkien il-monitoraġġ u l-ġestjoni taż-żewġ direttivi, iwassal ukoll għal rabtiet aktar b'saħħithom bejn iż-żewġ direttivi u, eventwalment, jintegra verament l-industrija tad-difiża fis-suq intern;

3. Jiddispjaċih dwar il-frammentazzjoni kontinwa tas-suq Ewropew tad-difiża, li għadha qed twassal għal duplikazzjonijiet bla bżonn, għall-multiplikazzjoni ta' proġetti ineffettivi u nfiq ineffettiv fuq id-difiża mill-Istati Membri; jissottolinja li fid-dawl tar-reċessjoni ekonomika li mistennija tirriżulta mill-pandemija tal-COVID-19, li x'aktarx tagħmel pressjoni fuq il-baġits tad-difiża, hija meħtieġa integrazzjoni aktar profonda tal-industrija tad-difiża fil-livell tal-UE; jemmen li l-implimentazzjoni effettiva tad-direttivi tkompli ttejjeb ukoll l-effettività tal-inizjattivi tad-difiża mnedija matul dawn l-aħħar ftit snin, b'mod partikolari r-Rieżami Annwali Koordinat dwar id-Difiża (CARD), il-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (PESCO) u l-Fond Ewropew għad-Difiża (EDF); jissottolinja u jiddeplora, madankollu, it-tnaqqis sostanzjali fil-finanzjament tal-EDF, tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi u tal-mobilità militari;
4. Jissottolinja t-tħassib dwar ir-rinazzjonalizzazzjoni possibbli tal-ktajjen tal-provvista, li tmur kontra l-oġġettivi tad-direttivi; jitlob li jsiru sforzi mġedda biex jiġu indirizzati d-diskrepanzi u n-nuqqasijiet teknoloġiċi u fl-innovazzjoni persistenti fl-EDTIB sabiex titnaqqas id-dipendenza dejjem tikber tal-Ewropa fuq l-importazzjonijiet tad-difiża; jenfasizza li sabiex jinbnew suq Ewropew tat-tagħmir għad-difiża affidabbli u komprensiv u settur tad-difiża effiċjenti, jeħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta strateġija komprensiva għar-reġim tas-sigurtà tal-provvista fl-UE kollha;
5. Jirrikonoxxi r-rilevanza tal-kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit fl-industrija tad-difiża u l-importanza tal-kooperazzjoni eżistenti bejn l-Istati Membri individwali u r-Renju Unit;

Id-Direttiva 2009/81/KE dwar l-akkwist pubbliku fl-oqsma tad-difiża u tas-sigurtà ta' natura sensittiva

6. Jenfasizza li proporzjon kbir ħafna ta' kuntratti għadhom jingħataw fuq livell nazzjonali; jiddispjaċih dwar in-nuqqas persistenti ta' trasparenza u l-grad sinifikanti ta' opaċità ta' ċerti Prattiki ta' akkwist; jiddeplora l-użu mifruż ta' eżenzjonijiet u l-persistenza ta' rekwiżiti ta' kumpens, li jillimitaw il-kompetizzjoni ġusta fis-suq Ewropew tat-tagħmir

għad-difiża; jitlob tnaqqis fl-użu ta' eżenzjonijiet u rekwiżiti ta' kumpens fl-akkwisti tad-difiża, biex b'hekk l-EDTIB ikun jista' jżviluppa aktar malajr u aħjar bħala wieħed mill-għanijiet strateġiċi ewlenin taż-żewġ direttivi; jitlob li jsir rappurtar aktar sistematiku u komprensiv ta' data konsistenti, preċiża u kumparabbli mill-Istati Membri rigward l-użu li jagħmlu mill-eżenzjonijiet sabiex jitjiebu l-iskrutinju u l-implimentazzjoni tal-linji gwida rilevanti tal-Kummissjoni; jistieden lill-Kummissjoni żżid l-isforzi tagħha u tiegħu miżuri kuraġġużi u proattivi biex tipprevjeni l-użu ħażin tal-eċċezzjonijiet u tinforza d-direttiva, b'mod partikolari billi tiżgura l-effettività tal-proċeduri ta' ksur;

7. Jinnota d-disparitajiet bejn l-Istati Membri fir-rati ta' pubblikazzjoni ta' avviżi dwar kuntratti; jindika li dawn id-disparitajiet jistgħu jikkawżaw tfixkil fis-suq intern u li n-nuqqas ta' reċiproċità jista' jiddiżinċentiva lil dawk l-Istati Membri bi grad oġhla ta' implimentazzjoni;
8. Jindika l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-Istati Membri jirrispettaw strettament il-kundizzjonijiet tal-applikazzjonijiet tal-eżenzjonijiet u, b'mod partikolari, li jiġi limitat b'mod strett l-użu potenzjalment abbużiv tal-Artikolu 346 tat-TFUE, mhux l-inqas minħabba r-realtà l-għdida tal-ktajjen ta' provvista multinazzjonali u d-difiża kollaborattiva multinazzjonali, sabiex jiżdiedu t-trasparenza u l-ugwaljanza; jistieden lill-Istati Membri jseguw strettament il-gwida interpretattiva tal-Kummissjoni dwar il-kundizzjonijiet li skonhom jista' jiġi invokat l-Artikolu 346; jitlob definizzjoni ċara tat-tipi u l-karatteristiċi tal-prodotti li jistgħu jkunu soġġetti għal eżenzjonijiet u skrutinju u valutazzjoni bir-reqqa tal-ħtieġa u l-proporzjonalità tal-eżenzjonijiet invokati mill-Istati Membri abbażi tal-Artikolu 346, speċjalment meta l-użu tagħhom jista' jagħmel ħsara lill-kompetittività tal-EDTIB;
9. Itenni t-twissijiet tal-esperti li jekk l-Istati Membri jkomplu bil-prattiki attwali tagħhom, fejn bħala medja anqas minn 20 % tal-akkwist pubbliku fil-qasam tad-difiża jirriżulta fi proġetti kollaborattivi, l-industrija tad-difiża Ewropea u l-kapaċità tal-innovazzjoni teknoloġika tagħha se jkunu destinati li jonqsu;
10. Jilqa' d-dispożizzjonijiet tad-direttiva li għandhom l-għan li jrawmu l-akkwist pubbliku kooperattiv fil-qasam tad-difiża, u jistieden lill-Istati Membri jagħmlu użu mill-possibiltajiet kollha ta' kooperazzjoni offruti mid-direttiva fi spirtu ġenwin ta' solidarjetà, b'mod partikolari fl-ambitu tal-Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża (EDIDP) u l-EDF futur; jirrakkomanda li l-proġetti l-kbar tad-difiża li bħalissa huma mmexxija fuq bażi bilaterali jew multinazzjonali mill-Istati Membri barra l-qafas tal-inizjattivi tad-difiża tal-UE għandhom jiġu integrati fih sabiex jingħata lok għall-parteċipazzjoni sinifikanti ta' dawk l-Istati Membri li jixtiequ jieħdu sehem fil-proġetti, jiġi żgurat li l-azzjonijiet ikunu koerenti, jiġu evitati duplikazzjonijiet biex isir użu aħjar mill-flus tal-kontribwenti, u b'mod konsistenti jitwassal valur miżjud lill-Unjoni kollha; jappella għal kooperazzjoni msaħħa permezz ta' proġetti u akkwisti ta' riċerka u żvilupp (R&Ż) komuni relatati mad-difiża biex jiġi appoġġat l-iżvilupp tal-EDTIB;
11. Jinnota li l-parteċipazzjoni tal-SMEs fil-qasam tal-akkwist pubbliku b'rabta mad-difiża għadha baxxa; ihegġegħ lill-Istati Membri jindirizzaw il-kawżi ta' dan, jirsistu biex inaqqsu l-ostakli għad-dħul u jnaqqsu l-kumplessitajiet għall-SMEs, u jseguw b'mod sistematiku r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-2018 dwar l-aċċess għas-suq

transfruntier għas-subfornituri u l-SMEs, b'mod partikolari fir-rigward tat-traduzzjoni tal-offerti, it-tħabbir minn qabel ta' programmi ta' akkwist pubbliku kbar, u d-diviżjoni tagħhom flottijiet iżgħar, filwaqt li jitqiesu l-kostijiet u l-iskeda ta' żmien tal-programmi; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw immappjar aġġornat u reklamat tal-kapaċitajiet teknoloġiċi tal-SMEs, b'mod partikolari dawk li jaħdmu fuq teknoloġiji emerġenti u fixkiela, sabiex il-kuntratturi ewlenin fi Stati Membri oħra jkunu jistgħu jidentifikaw l-SMEs bil-kompetenzi meħtieġa għat-tnedija ta' proġett konġunt u biex jippermettu u jsaħħu l-kompetizzjoni ġusta u miftuħa u l-involvement akbar mal-SMEs, filwaqt li tiġi appoġġata trasparenza ulterjuri;

Id-Direttiva 2009/43/KE dwar trasferimenti intra-UE ta' prodotti relatati mad-difiża

12. Jistieden lill-Istati Membri juru rieda politika sħiħa fl-iżgurar tal-implimentazzjoni effettiva u armonizzata tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2009/43/KE u fiż-żieda tal-akkwist tad-difiża intra-UE u l-kooperazzjoni fir-R&Ż; jistieden lill-Istati Membri jagħmlu użu mill-akkwiżizzjonijiet u mir-R&Ż tad-difiża komuni sabiex jagħtu spinta lill-interoperabbiltà bejn il-forzi militari tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni tassisti lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tad-direttiva u tkompli d-djalogu mal-awtoritajiet nazzjonali dwar din il-kwistjoni;
13. Jistieden lill-Kummissjoni tipromwovi l-involvement tal-SMEs fi proġetti transfruntiera u żżid is-sensibilizzazzjoni dwar l-għodod u l-benefiċċji tad-direttiva, b'mod partikolari fir-rigward tal-SMEs;
14. Jissottolinja li huma meħtieġa interpretazzjoni aktar koerenti u implimentazzjoni aktar konsistenti tal-Pożizzjoni Komuni tal-UE dwar l-Esportazzjonijiet ta' Armi sabiex tiġi limitata l-frammentazzjoni tas-suq intern tad-difiża tal-UE u tissaħħaħ il-konsistenza tal-politika barranija tagħha; jissottolinja li fil-konklużjonijiet tiegħu tas-16 ta' Settembru 2019, il-Kunsill innota li t-tisħiħ ta' EDTIB Ewropew għandu jkun akkumpanjat minn kooperazzjoni u konverġenza aktar mill-qrib fil-qasam tal-kontroll tal-esportazzjoni ta' teknoloġija u tagħmir militari; jitlob li tittieħed azzjoni biex tiġi indirizzata kwalunkwe lakuna, inkonsistenza jew kontradizzjoni bejn id-Direttiva ICT, il-Pożizzjoni Komuni u r-Regolament dwar l-Oġġetti b'Użu Doppju; jinsisti fuq l-importanza li tingħata kunsiderazzjoni sħiħa lill-Artikolu 4(8) tad-Direttiva 2009/43/KE; jenfasizza li l-għoti ta' awtorizzazzjoni preliminari qabel l-esportazzjoni mill-ġdid ta' prodotti u komponenti ma jibqax meħtieġ jekk il-Pożizzjoni Komuni tiġi interpretata u implimentata b'mod uniformi;
15. Jirrakkomanda li titwettaq analiżi xierqa tal-impatt taż-żewġ direttivi fuq il-kooperazzjoni tad-difiża bejn l-UE u r-Renju Unit fix-xenarju ta' wara l-Brexit; jitlob it-tfassil ta' dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-kooperazzjoni fl-industrija tad-difiża bejn l-UE u r-Renju Unit skont l-ispeċifitàjiet ta' kwalunkwe ftehim ġenerali li jista' jintlaħaq bejn il-partijiet;
16. Jiddeplora l-użu limitat tal-liċenzji ġenerali ta' trasferiment (GTLs); jistieden lill-Istati Membri jżidu t-trasparenza billi jimplimentaw b'aktar reqqa r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-allinjament tal-ambitu u l-kundizzjonijiet biex il-prodotti jkunu soġġetti għall-użu ta' GTLs; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tagħha u tfassal rapport dwarha; jissottolinja l-ħtieġa li l-Istati Membri jipprovdu traduzzjonijiet tar-regolamenti nazzjonali dwar il-liċenzji ta'

trasferiment; jistieden lill-Kummissjoni tassisti u tappoġġa bis-sħiħ lill-Istati Membri fl-iżvilupp ta' liċenzji ta' trasferiment armonizzati globali u individwali għall-proġetti tal-EDIDP u tal-EDF;

17. Jenfasizza l-importanza li jiġu żgurati l-aċċessibilità u l-utilizzabilità tar-Reġistru online tal-Intrapriżi Ċertifikati relatati mad-Difiża (CERTIDER), li data dettaljata dwar it-trasferimenti tal-armi intra-UE ssir disponibbli sistematikament, u li ssir riflessjoni dwar il-ħtieġa li l-qafas statistiku attwali jiġi aġġornat sabiex jittieħed kont aħjar tal-attivitajiet ta' difiża u ta' armamenti, sabiex jiġi previst skrutinju sinifikanti u sabiex tiġi vvalutata b'mod xieraq l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/43/KE; jistieden lill-Istati Membri jirrapportaw lill-Kummissjoni kull sena dwar l-użu ta' GTLs u liċenzji individwali; jistieden lill-Kummissjoni żżomm it-taqsimha tar-reġistru CERTIDER dwar il-GTLs aġġornata; jistieden lill-Istati Membri, għal dak il-għan, jinnotifikaw b'mod sistematiku lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe bidla li ssir fil-GTLs tagħhom.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	10.12.2020
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 51 -: 10 0: 7
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Alviina Alametsä, Alexander Alexandrov Yordanov, Maria Arena, Petras Auštrevičius, Traian Băsescu, Lars Patrick Berg, Anna Bonfrisco, Reinhard Bütikofer, Fabio Massimo Castaldo, Susanna Ceccardi, Włodzimierz Cimoszewicz, Katalin Cseh, Tanja Fajon, Anna Fotyga, Michael Gahler, Kinga Gál, Sunčana Glavak, Raphaël Glucksmann, Klemen Grošelj, Bernard Guetta, Márton Gyöngyösi, Karol Karski, Dietmar Köster, Andrius Kubilius, Ilhan Kyuchyuk, David Lega, Miriam Lexmann, Nathalie Loiseau, Antonio López-Istúriz White, Jaak Madison, Claudiu Manda, Lukas Mandl, Thierry Mariani, David McAllister, Vangelis Meimarakis, Sven Mikser, Francisco José Millán Mon, Gheorghe-Vlad Nistor, Urmas Paet, Demetris Papadakis, Kostas Papadakis, Tonino Picula, Manu Pineda, Kati Piri, Giuliano Pisapia, Jérôme Rivière, María Soraya Rodríguez Ramos, Nacho Sánchez Amor, Isabel Santos, Jacek Saryusz-Wolski, Andreas Schieder, Radosław Sikorski, Jordi Solé, Sergei Stanishev, Tineke Strik, Hermann Tertsch, Hilde Vautmans, Harald Vilimsky, Idoia Villanueva Ruiz, Thomas Waitz, Witold Jan Waszczykowski, Charlie Weimers, Isabel Wiseler-Lima, Salima Yenbou, Željana Zovko
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Andor Deli, Markéta Gregorová, Bart Groothuis

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

51	+
PPE	Traian Băsescu, Michael Gahler, Kinga Gál, Sunčana Glavak, Andrius Kubilius, David Lega, Miriam Lexmann, Antonio López-Istúriz White, David McAllister, Lukas Mandl, Vangelis Meimarakis, Francisco José Millán Mon, Gheorghe-Vlad Nistor, Radosław Sikorski, Isabel Wiseler-Lima, Alexander Alexandrov Yordanov, Željana Zovko, Andor Deli
S&D	Maria Arena, Włodzimierz Cimoszewicz, Tanja Fajon, Raphaël Glucksmann, Claudiu Manda, Sven Mikser, Demetris Papadakis, Tonino Picula, Kati Piri, Giuliano Pisapia, Nacho Sánchez Amor, Isabel Santos, Andreas Schieder, Sergei Stanishev
RENEW	Petras Auštrevičius, Katalin Cseh, Klemen Grošelj, Bernard Guetta, Ilhan Kyuchyuk, Nathalie Loiseau, Urmas Paet, María Soraya Rodríguez Ramos, Hilde Vautmans, Bart Groothuis
VERTS	Alviina Alametsä, Reinhard Bütikofer, Jordi Solé, Tineke Strik, Thomas Waitz, Salima Yenbou, Markéta Gregorová
NI	Fabio Massimo Castaldo, Márton Gyöngyösi

10	-
S&D	Dietmar Köster
ID	Lars Patrick Berg, Jaak Madison, Thierry Mariani, Jérôme Rivière, Harald Vilimsky
ECR	Charlie Weimers
GUE	Manu Pineda, Idoia Villanueva Ruiz
NI	Kostas Papadakis

7	0
ID	Anna Bonfrisco, Susanna Ceccardi
ECR	Anna Fotyga, Karol Karski, Jacek Saryusz-Wolski, Hermann Tertsch, Witold Jan Waszczykowski

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

Data tal-adozzjoni	22.2.2021
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 32 -: 3 0: 10
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Andrus Ansip, Alessandra Basso, Brando Benifei, Adam Bielan, Biljana Borzan, Vlad-Marius Botoş, Markus Buchheit, Anna Cavazzini, Dita Charanzová, Deirdre Clune, David Cormand, Carlo Fidanza, Evelyne Gebhardt, Alexandra Geese, Sandro Gozi, Maria Grapini, Svenja Hahn, Virginie Joron, Eugen Jurzyca, Arba Kokalari, Marcel Kolaja, Kateřina Konečná, Andrey Kovatchev, Jean-Lin Lacapelle, Morten Løkkegaard, Adriana Maldonado López, Antonius Manders, Beata Mazurek, Leszek Miller, Dan-Ştefan Motreanu, Anne-Sophie Pelletier, Miroslav Radačovský, Christel Schaldemose, Andreas Schwab, Tomislav Sokol, Tom Vandenkendelaere, Kim Van Sparrentak, Marco Zullo
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Marco Campomenosi, Maria da Graça Carvalho, Krzysztof Hetman, Sven Mikser, Tsvetelina Penkova, Barbara Thaler, Edina Tóth

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

32	+
ECR	Adam Bielan, Carlo Fidanza, Eugen Jurzyca, Beata Mazurek
NI	Miroslav Radačovský, Marco Zullo
PPE	Maria da Graça Carvalho, Deirdre Clune, Krzysztof Hetman, Arba Kokalari, Andrey Kovatchev, Antonius Manders, Dan-Ștefan Motreanu, Andreas Schwab, Tomislav Sokol, Barbara Thaler, Edina Tóth, Tom Vandenkendelaere
Renew	Andrus Ansip, Vlad-Marius Botoș, Dita Charanzová, Sandro Gozi, Svenja Hahn, Morten Løkkegaard
S&D	Brando Benifei, Biljana Borzan, Maria Grapini, Adriana Maldonado López, Sven Mikser, Leszek Miller, Tsvetelina Penkova, Christel Schaldemose

3	-
S&D	Evelyne Gebhardt
The Left	Kateřina Konečná, Anne-Sophie Pelletier

10	0
ID	Alessandra Basso, Markus Buchheit, Marco Campomenosi, Virginie Joron, Jean-Lin Lacapelle
Verts/ALE	Anna Cavazzini, David Cormand, Alexandra Geese, Marcel Kolaja, Kim Van Sparrentak

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni